



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7458/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0074(NLE)

PECHE 116

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 132 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 132 final.

Mehmuż: COM(2019) 132 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2019
COM(2019) 132 final

2019/0074 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija
dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti, il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tal-Gambja bil-ħsieb li tikkonkludi Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja. Wara dawn in-negozjati, fid-19 ta' Ottubru 2018 ġew inizjalati Ftehim u Protokoll ta' Implimentazzjoni ġodda. Il-Ftehim il-ġdid iħassar il-Ftehim eżistenti u joħodlu postu, u jkopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, li jiġġedded b'mod taċitu. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 13, jiġifieri mid-data meta l-Partijiet jiffirmawh.

L-għan ewlieni tal-Ftehim il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riveduta u tad-dimensjoni esterna tagħha ħalli tinholq sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja fil-qasam tas-sajd.

Il-Protokoll għandu l-għan li lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jagħtihom opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gambja, filwaqt li jqis il-valutazzjonijiet xjentifiċi disponibbli, b'mod partikulari dawk tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (is-CECAF), u skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT), fil-limiti taż-żejjed disponibbli. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni sejset il-pożizzjoni tagħha fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni li għamlu esperti esterni u li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandhomx jiġu konklużi Ftehim u Protokoll ġodda. L-għan huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja ħalli jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni;
- 10 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief;
- tliet bastimenti tat-tkarkir (li jintużaw għas-sajd għall-merluzz l-iswed, li huwa speċi ta' ħut tal-qiegħ tal-baħar fond).

Dawn l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(3) tiegħu jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam ta' politika jidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja, kif ukoll ma' dawk marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu. Dan ir-Regolament irid jibda japplika ladarba jkunu jistgħu jibdew isiru l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija
dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija") f'isem l-Unjoni Ewropea, kif ukoll Protokoll ġdid ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ġew inizjalati fi tmiem dawn in-negozjati, fid-19 ta' Ottubru 2018.
- (3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim ta' qabel li kien ġie konkluż bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja fuq sajd 'il barra mill-Gambja, li kien daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987.
- (4) Il-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija u l-Protokoll ġew iffirmati fil-... [*daħħal id-data meta ġew iffirmati*] skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/.../UE¹.
- (5) Il-Protokoll ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni tiegħu.
- (6) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokat i fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.
- (7) Il-Protokoll se jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinb dew malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

¹ ĠU L ..., ..., p. .

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

Spanja	16-il bastiment
Franza	12-il bastiment

(b) il-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

Spanja	tmien bastimenti
Franza	żewġ bastimenti

(c) il-bastimenti tat-tkarkir li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond:

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir li jintużaw għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ tal-baħar fond li jkunu qed jaħdmu fi kwalunkwe mument	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kull tliet xhur fis-sena ²	Tunnellati tal-ispeċijiet fil-mira kif iddefinit fl-Appendiċi 2b tal-Anness tal-Protokoll
Spanja	3	10	625
Il-Greċja		2 (f'żewġ perjodi ta' tliet xhur differenti)	125

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mid-data tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

² L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jikkoordinaw l-użu tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ta' kull tliet xhur.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*